**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Johann Calleja**

Illum 8 ta' Novembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johann Calleja, ta' 26 sena, iben Joseph u Carmen nee' Amaira, imwieled Pieta', fid-9 ta' Settembru 1985u residenti 34, Triq San Mikiel, Fgura, detentur ta' karta tal-identita' 459585(M) akkuzat talli :-

Nhar it-2 ta' April 2012, ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00), gewwa Triq San Gwann, Valletta, ikkommettejt serq minn gewwa 'Kantina Kafe' ghad dannu ta' Giuseppe Mantella, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

U aktar talli irrendejt ruhek ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabt hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll talli wettaqt reat fil-perjodu operattiv ta' setenza sospiza;

U aktar talli nhar it-3 ta' April 2012 nqast milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqek meta nhlist mill-arrest, u dan billi nqast milli tattendi fl-ghassa tal-pulizija, Valletta, hekk kif ordnat mill-ufficjal tal-kustodja;

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-3 ta' Dicembru 2013 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li fit-2 ta' April 2012 ikkommetta serq aggravat bil-valur li jaqbez €2,329.37 gewwa Kantina Kafe' ghad-dannu ta' certu Giuseppe Mantella. Jinsab ukoll addebitat bir-recediva a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li fit-3 ta' April 2012 naqas li jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet impost fuq meta nheles mill-arresr billi ma attendix fil-ghassa tal-pulizija.

F'dawn il-proceduri ma tressqux hafna xhieda. L-ufficjal investigattiv, l-Ex-Spettur Daniel Zammit[1] xehed li fit-2 ta' April 2012 ghall-habta ta' bejn nofsinhar u s-siegha PC 89 Joseph Brincat li kien qieghed fuq ronda madwar il-Belt, fl-inhawi ta' Strada Setta lemah zewg persuni, guvni u tfajla, u nnota li kienu qeghdin hdejn shutter ta' bieb u kienu qed idahhlu laptop go basket. Dan PC89 gieh suspett u staqsihom x'kienu qed jaghmlu u l-guvni wiegbu li kien qed idahhal il-laptop fil-basket u billi ma kienx konvint bit-twegiba talabhom biex imorru l-ghassa mieghu. Dawn il-persuni kienu l-imputat u t-tfajla, Maria Farrugia, li gew infurmati li kienu se jinzammu arrestati. L-imputat irrilaxxja stqarrija wara li nghata dritt li jikkonsulta ma'avukat izda huwa rrinunzja ghal tali dritt. Fil-basket li kien fil-pussess tal-imputat kien hemm diversi affarijiet fosthom il-laptop, ammont ta' flus kontanti, hard disc, noti u passapart ta' certu Giuseppe Montella ta' nazzjonalita' Taljana. Meta l-pulizija sabu lil dan il-persuna, huwa

[1] Seduta tal-1 ta' Lulju 2013

kellu jsiefer proprju dakinhar stess fuq xoghol u kellu jigi lura Malta. L-oggetti li nstabu fil-basket li kellu l-imputat gew elevati minghandu u nghata ricevuta ghalihom u peress li t-Taljan kellu bzonnhom staqsew lill-imputat jekk setghux jaghtu l-oggett lil sidhom u l-imputat ma kellux oggezzjoni. Ghamlu ricevuta lil Giuseppe Mantella u tawh il-passaport, alptop u kien hemm xi flus kontanti. Dan Mantella sostna li kellu nieqes l-ammont ta' €1,200 fi flus kontanti li kienu originarjament gol-basket.

Irid jigi nnutat li nonostante li saret referenza mill-ex-Spettur Daniel Zammit ghal zewg ricevuti, ebda ricevuta ma giet prezentata fl-atti.

PC 89 Joseph Debrincat[2] xehed li dakinhar tat-2 ta' Frar 2012 meta kien ghaddej minn Strada Stretta kantuniera ma' Carriage Street, il-Belt Valletta nnota tfajla u guvni fejn shutter li jigi ghac-cinmena u dan is-shutter kien imtella'. Kif ra li kien hemm xi affarijiet li bdew jinbidlu minn basket ghall-iehor gieh suspett u staqsa x'kienu qeghdin jaghmlu hemm. Il-guvni li huwa l-imputat qallu li kien qieghed jerfa' l-laptop izda fic-cirkostanzi ma kienx konvint mit-twegiba li nghatatlu u talabhom imorru l-ghassa mieghu.

Giuseppe Mantella, l-allegat vittma, ma tressaqx bhala xhud billi l-ufficjal prosekutur irrinunzja ghax-xhieda tieghu billi ma rnexxilux jirrintraccah. Lanqas it-tfajla li kienet qed takkumpanja lill-imputat, Maria Farrugia, ma tressqet bhala xhud.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Xehed li dakinhar mar il-Belt Valletta flimkien ma' habiba tieghu w ohtu li llum hija mejta. F'hin minnhom marru biex jieklu xi haga f'hanut fejn il-Kon-Katidral ta' San Gwann. Kienu poggew fuq mejda fuq barra tal-hanut. Ordnaw l-ikel u sakemm qeghdin jistennew l-ikel, ohtu qaltlu li taht il-mejda fejn kienu kien hemm basket. Hija staqsitu x'kienu se jaghmlu u huwa min-naha tieghu qalilha biex jaraw x'fih u dan billi dak iz-zmien huwa kien jiehu d-droga. Qabad il-basket u beda miexi biex jara x'fih. Ohtu marret warajh u l-habiba baqghet bilqeghda. Huwa u ohtu dahlu qieshom fi sqaq u ohtu bdiet tfittex fil-basket u sabet xi flus. Talab lil ohtu ttih ftit minnhom izda hija ma tatux ghaliex qaltlu li kien jehodhom droga. Huwa baqa' bil-basket li fih kien hemm laptop. Pogga bilqeghda jahsen u dak il-hin rah il-pulizija. Huwa ma kienx jaf x'kien se jaghmel bil-basket. Ikkonferma li l-pulizija sabu flus

[2] Seduta tal-1 ta' Lulju 2013

kontanti fil-basket. In kontro-ezami ikkonferma li l-basket qabdu, qam minn fuq il-mejda u telaq bih. Mistoqsi ghalfejn ma tahx lil sid il-hanut jew mar bih l-ghassa l-imputat rrisponda li huwa dak iz-zmien ma kellux flus u qisu inqala' dan il-basket.

Il-Qorti abbazi tal-provi prodotti tqis li gie ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat ikkommetta r-reat ta' serq. Kif diga' gie rilevat Giuseppe Mantella ma giex prodott bhala xhud. Dan wahdu ma jikkostitwixxix ostakolu u li ghandu jwassal ghal-liberatorja. Irrizulta mill-provi u anki l-imputat ex admissis xehed li sab basket taht il-mejda fejn mar jiekol. Tali versjoni hija plawsibbli anki ghaliex l-istess Mantella ma marx immedjatament jirrapporta li kien insteraq. Jibqa' l-fatt pero' li l-imputat instab bil-basket f'idejh li fih kien hemm laptop, dokumenti ta' haddiehor u flus kontanti. L-imputat telaq minn fuq il-mejda bil-basket f'idejh. Giuseppe Mantella sostna mal-pulizija li kellu l-ammont ta' €1,200 nieqsa. L-imputat xehed li ohtu hadet xi flus u telqet bihom izda ma jafx kemm kien l-ammont. In verita' l-imputat instab ezattament wara li ha l-basket u ma rrizultax li nstabu flus fuqu apparti dak li kien hemm fil-basket li l-ammont ma giex specifikat.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm l-imputat xehed li huwa ma kienx jaf x'se jaghmel bil-basket, l-azzjonijiet tieghu jixhdu mod iehor. Dak iz-zmien l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u kif qal huwa stess da nil-basket inqala' minn imkien. Huwa ma qabadx u ghadda l-basket lil sid il-hanut jew mar l-ghassa bih, izda telaq minn fuq il-post, ma stenniex l-ikel li kien ordna, mar f'post imwarrab u ra x'kien fih il-basket u kien qieghed jipprova johrog il-laptop biex jitfghu f'basket iehor. Kollox jippunta lejn il-fatt illi li kieku ma giehx suspett il-kuntistabbli l-imputat kien jibqa' sejjer bir-rifurtiva.

Inkwantu ghall-aggravju tal-valur jinghad li billi Giuseppe Mantella ma giex prodott bhala xhud m'hemm l-ebda konferma bil-gurament li nsterqulu l-ammont ta' €1,200 fi flus kontanti. Inkwantu ghall-laptop filwaqt li gie stability li insteraq laptop madankollu la hemm indikazzjoni ta' x'tip kien u wisq anqas tal-valur tieghu. Huwa stability izda li Giuseppe Mantella inghata lura l-oggetti misruqa. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-imputat se jinstab hati biss ta' serq semplici.

Inkwantu ghall-addebitu li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza rrizulta mill-atti ossija mill-prezentata ta' sentenza

moghtija fil-konfront tal-imputat fit-8 ta' Novembru 2013[3] li s-sentenza sospiza li nghatat permezz tas-sentenza fit-18 ta' Frar 2009 iddahlet fis-sehh. Ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali addebitu.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva, giet prezentata vera kopja fotistatika ta' sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat fil-11 ta' Awwissu 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn l-imputat gie kkundannat ghal tnax-il xahar prigunerija. Ghaldaqstant dan l-addebitu gie ppruvat.

Ir-raba' imputazzjoni ma gietx ippruvata billi ebda provi rigwardanti l-istess ma tressqu.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat u l-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati ta' serq semplici u tal-addebitu tar-recediva, filwaqt li ma ssibux hati tal-aggravju tal-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 kif ukoll ma ssibux hati tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-addebitu li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza,bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[3] Dok DB 3 a fol 85 tal-process